***-SMIEGH IMPARZJALI-***

***-ARTIKOLU 6 (1) TAL-EWWEL SKEDA TAL-KONVENZJONI EWROPEJA-***

***- KAP 319 -***

***-VICARIOUSNESS IN TORT-***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru, 2001

**Kawza Numru: 1**
**Rik. Kost.Nru: 746/00/RCP**

**Domenico Savio Spiteri.**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-esponent gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) talli fix-Xlendi, Ghawdex, f'dawn l-ahhar gimghat precedenti u anke segwenti d-data tat-23.4.96 naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija biex inehhi periklu u jsewwi l-hsara li hemm fl-post numru 9, Triq ir-Rabat, Xlendi, proprjeta' tieghu jew amministrata minnu u b'hekk huwa ma obdiex ordni legittima bi ksur ta' l-artikolu **25 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, u ta' l-artikolu 338 (ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9**. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna, barra milli tinghata l-piena skond il-ligi, fit-termini ta' l**-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali** tordnalu li jnehhi l-inkonvenjent, jesegwixxi l-ligi, cioe' jaghmel it-tiswijiet mehtiega fi zmien sufficjenti li jigi moghti lilu, taht penali ta' mhux anqas minn Lm2 kuljum fin-nuqqas jew tordna li dan isir mill-Pulizija bi spejjez ta' l-imputat jekk dan jibqa' ma jottemperax ruhu mal-ligi.

Illi b'sentenza moghtija fl-14 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabitu hati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 25 tal-Kap. 10, kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' Lm25 oltre li obbligatu jaghmel it-tiswijiet skond kif suggeriti mill-perit tekniku u dan fi zmien erbghin (40) jum mit-Tnejn, 19 ta' Mejju 1997 fuq penali ta' Lm5 kuljum fin-nuqqas ta'

adempiment ma' din l-ordni ai termini ta' l-artikolu 377 Kap. 9.

Illi fis-sentenza taghha hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ikkunsidrat:

*"Illi taqbel perfettament mal-konkluzzjoni tal-perit tekniku u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarjaha u dan wara li semghet lill-partjiet. Senjatament il-Qorti ma taqbilx mat-tezi ta' l-imputat li hu ghandu raguni valida ghaliex ma jaghmilx it-tiswijiet, u dan ghaliex il-kwerelant ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' terzi persuni hlief ma' l-imputat f'dan il-kaz. Jekk id-danni huma kagun ta' azzjonijiet minn terzi, allura talvolta l-imputat jista' jkollu rimedju versu t-terzi persuni wara li jkun irripristina lill-kwerelanti fil-pussess.*

*Ghal dawn il-motivi, issib lill-imputat hati.* ..."

Illi l-esponent appella mill-precitata sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi b'sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2000, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ammenda li l-esponent gie kkundannat ghaliha, u ordnat li l-esponent ghandu fi zmien tletin gurnata jaghmel ix-xoghlijiet u tiswijiet kif suggerit mill-Perit Tekniku fuq penali ta' hames liri (Lm5) kuljum fin-nuqqas

ta' adempjment, minghajr ma sabet l-ebda deficjenza fis-sentenza appellata.

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kif ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, hija kompletament *wrong in principle.*

Illi l-persuna li nstabet hatja, cioe' l-esponent, ma kienitx il-persuna responsabbli ghall-periklu u hsara li giet ikkagunata. L-imputazzjoni dwar ezistenza tal-periklu giet ippruvata, izda ma rrizultatx fil-konfront ta' l-esponent imma fil-konfront tal-girien tieghu, li ma kienux imharrkin. Mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Richard Aquilina jirrizulta li *"l-hsara li giet kagunata minhabba li l-hajt ta' l-appogg tal-proprjeta' adjacenti tal-gnien strah bil-piz addizzjonali meta tghabba fuqu l-bini l-gdid li huwa ta' erba' sulari."*

Illi dan is-sejbien ta' htija jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponent in kwantu, fil-kamp kriminali, ir-responsabilta' hija **personali**. Il-kazijiet eccezzjonali fejn hemm '*vicarious responsibility'* huma biss dawk stabbiliti mill-ligi stess. Barra dan, **fid-dritt penali ta' pajjizna, ma jezistix il-principju ta'** ***'vicariousness in tort'.***

Illi l-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza in sede penali, u cioe', illi:

"*il-kwenelant ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' terzi persuni hlief ma' l-imputat f'dan il-kaz. Jekk id-danni huma*

*kagun ta' azzjonijiet minn terzi, allura talvolta l-imputat jista' jkollu rimedju versu t-terzi persuni wara li jkun irripristina lill-kwerelanti fil-pussess."*

tammonta proprju ghal *'vicariousness in tort',* u konsegwentement m'hijiex motivazzjoni li tista' treggi f'kamp penali, fejn ir-responsabilta' ghall-ksur tal-ligi, biex jinghad li tissussisti, trid necessarjament tkun responsabilta' personali.

Illi s-sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-esponent minhabba l-agir ta' terzi jikkostitwixxi lezjoni tal-principju ta' smiegh xieraq garanti fl-**Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi jekk il-kagun tal-hsarat kien li "*strah bil-piz addizzjonali meta tghabba fuqu l-bini l-gdid li huwa ta' erba' sulari*" kif ikkonkluda l-Perit Tekniku Richard Aquilina, allura min malsanament ghabba erba' sulari minghajr konsiderazzjoni ghal-*'load-bearing factor*' u naturalment minghajr direzzjoni ta' perit, kellu jinstab hati, u mhux l-esponent li sofra d-danni. Ggant jghaffeg nemla, u l-Qorti tikkundanna lin-nemla ssewwi kollox hi, minflok lill-ggant.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett jitlob din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali ta' l-esponent jigu protetti, billi tiddikjara li s-

sejbien ta' htija bazat fuq *'vicariousness in tort'* jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt ta' l-esponent sancit mill-**Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**, u taghti r-rimedji kollha oppontuni, fosthom kumpens xierqa ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Rat ir-riposta tal-intimati a fol. 7 tal-process fejn esponew:-

1. Illi din il-Qorti m' hijiex Qorti tat-tielet istanza f'kawzi kriminali u in kwantu hija diretta biex terga tiftah id-diskussjoni tal-meritu tal-kawza kriminali li fiha r-rikorrent instab hati talli naqas li jnehhi l-perikolu minn bini li huwa tieghu jew li huwa amministrat minnu l-azzjoni hija infondata u ma tistax tregi;

2. Illi l-ligi li tirrikjedi lil sid ta' bini li jzomm dak il-bini fi stat li m' huwiex perikoluz irrespettivament minn ta' min ikun it-tort ghal dak il-perikolu ma tilledi ebda dritt fondamentali u hija ligi li timponi obbligu necessarju fuq is-sidien tal-proprjeta in konformita ma bzonn socjali evidenti li proprjeta ma tithalliex fi stat ta' perikolu ghal terzi.

3. Illi m'hux minnu illi r-rikorrent instab hati ta' reat kommess minn haddiehor haga li huwa jsejjhilha '*vicariousness in tort'*. Huwa car illi l-obbligu tat-tnehhija tal-perikolu kien jinkombi fuq ir-rikorrent u li kien hu u mhux haddiehor illi naqas minn dak l-obbligu legali;

4. Illi r-rikorrent inghata smiegh xieraq skond il-ligi u ma hemm xejn fir-rikors promotur illi jallega illi l-garanziji processwali ta' l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** citat mir-rikorrent li ma gewx rispettati. Illi in kwantu jimplika illi huwa ma inghatax smiegh xieraq 'skond il-ligi' minhabba l-interpretazzjoni li inghatat il-ligi r-rikors huwa ukoll manifestament infondat billi l-interpretazzjoni tal-ligi li tat is-sentenza illi r-rikorrent irid jimpunja b' dawn il-proceduni hija dik indikata fic-cirkostanzi u hija ukoll wahda mill-izjed prevedibbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju,2000 fejn il-Qorti ordnat li ssir l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet : "**Il-Pulizija vs Domenico Savio Spiteri",** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu,2000.Il-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni ghall-11 ta' Lulju,2000;

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qorti a fol.14 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Lulju,2000; tas-6 ta' Dicembru,2000; tal-4 ta' April,2001; tas-26 ta' April,2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju,2001; u tal-4 ta' Lulju,2001 fejn il-Qorti ddikjarat li ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza.Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru,2001.

Rat il-process allegat u l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. MERTU TAR-RIKORS ODJERN

Illi mill-provi prodotti u mill-verbali tal-kawza jidher li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti tal-kaz.Ir-rikorrent kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) talli fix-Xlendi fid-dati msemmija fil-komparixxi naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija biex inehhi periklu u jsewwi l-hsara li kien hemm fil-post proprjeta' tieghu jew amministrata minnu. Ghalhekk huwa gie akkuzat li m'obdiex ordni legittima.Illi r-rikorrenti permezz ta' sentenza tal-14 ta' Mejju,1997 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nstab hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih. Il-Qorti kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda; kif ukoll obbligatu li jaghmel it-tiswijiet kif suggeriti mill-perit tekniku fi zmien erbghin jum mit-Tnejn, 19 ta' Mejju 1997 fuq penali ta' Lm 5 kuljum f'kaz ta' inadempjenza.Illi tali sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu,2000.

Illi fir-rikors odjern ir-rikorrenti qed isostni li s-sentenza msemmija, kif ikkonfermata mill-Appell hija kompletament *wrong in principle.* Dan ghaliex, skond huwa, l-persuna li nstabet hatja ma kienitx il-persuna responsabbli ghall-periklu u hsara li giet ikkagunata. Dan a bazi tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Richard Aquilina fejn intqal li jirrizulta li *"l-hsara li giet kagunata minhabba li l-hajt ta' l-appogg tal-*

*proprjeta' adjacenti tal-girien strah bil-piz addizzjonali meta tghabba fuqu l-bini l-gdid li huwa ta' erba' sulari."* Peress li fil-kamp kriminali r-responsabilita' hija personali u ghalhekk il-principju ta' *"vicariousness in tort"* ma jezistix, is-sejbien ta' htija ta' Domenico Savio Spiteri li jammonta proprju ghal hekk jikkostitwixxi lezjoni tad-drittjiet fondamentali tieghu garantit fl-Artikolu 6 ta' L-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimati min-naha taghhom qalu fir-risposta li din il-Qorti mhiex Qorti tat-tielet istanza f'kawzi kriminali diretta biex terga' tiftah id-diskussjoni tal-mertu tal-kawza kriminali. Inoltre' l-ligi li tirrikjedi lil sid ta' bini li jzomm dak il-bini fi stat li m'huwiex perikoluz irrispettivament ta' min ikun it-tort ghal dak il-perikolu ma tilledi ebda dritt fondamentali u hija in konformita' ma' bzonn socjali li proprjeta'ma tithalliex fi stat ta' perikolu ghal terzi. Illi mhux minnu li nstab hati ta' reat kommess minn haddiehor peress li l-obbligu tat-tnehhija tal-perikolu kien jinkombi fuq l-istess rikorrent u b'hekk kien hu li naqas minn l-obbligu legali tieghu.Fl-ahharnett l-intimati jsostnu li r-rikorrent inghata smiegh xieraq skond il-ligi u ma hemm xejn fir-rikors promotur illi jallega illi l-garanziji processwali ta' l-Artikolu 6 ma gewx rispettati.

Konsegwentement ipprezenta dan ir-rikors fejn qed jitlob dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu sancit mill-**Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319**; u li din il-Qorti taghti r-rimedji opportuni,fosthom kumpens xieraq ghal tali ksur.

Illi hlief ghar-ritratti mmarkati Dok.DSSl-5 ezebiti mir-rikorrent, il-partijiet strahu fuq il-provi prodotti fil-process allegat fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs Domenico Savio Spiteri"*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu,2000.

Illi jirrizulta minn tali process li r-rikorrenti, kif intqal precedentement, kien akkuzat illi m'obdiex ordni legittimu tal-Pulizija biex inehhi periklu u jsewwi l-hsara f'fond proprjeta' tieghu jew amministrat minnu. Il-Perit Richard Aquilina gie mqabbad mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Gudikatura Kriminali sabiex jirrelata dwar il-kaz. Huwa zamm diversi accessi u seduta f'liema seduta la l-imputat u lanqas id-difensur tieghu ma dehru.Il-Perit fir-relazzjoni tieghu mahlufa fis-16 ta' April 1997 ikkonstata dan li gej: *"Meta jittiehed in konsiderazzjoni c-certifikat Dok.J.P.D. datat 24 ta' Lulju 1992, jidher li din il-hsara ilha gejja."* Huwa kkonkluda li: *"Il-hsara li hemm fis-soqfa tal-fond Nru.9 hi dovuta ghall-perkolazjoni ta' l-ilma minn gol-bejt li ma' kienx qieghed jipprekludi din il-perkolazzjoni.Din il-hsara setghet giet awmentata bil-konsenturi li zviluppaw fil-bini. Il-konsenturi li hemm,jindikaw li l-hajt ta' l-appogg strah bil-piz addizzjonali meta tghabba fuqu l-bini l-gdid li hu ta' erba' sulari."*

Fis-sentenza tal-14 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Gudikatura Kriminali semmiet fil-kunsiderazzjonijiet taghha illi kienet qed taqbel perfettament mal-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku u wara li

semghet il-partijiet ma rat ebda raguni valida sabiex tvarja tali konkluzzjoni. Dik il-Qorti kkunsidrat il-punt imqajjem mill-akkuzat Domenico Savio Spiteri li hu kellu raguni valida sabiex ma jaghmilx it-tiswijiet minhabba hsara kkagunata minn terzi u fil-fatt kompliet hekk :-

*"Senjatament il-Qorti ma taqbilx mat-tezi ta' l-imputat li hu ghandu raguni valida ghaliex ma jaghmilx it-tiswijiet u dan ghaliex il-kwerelant ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' terzi persuni hlief mal-imputat f'dan il-kaz.*

*Jekk id-danni huma kagun ta' azzjonijiet minn terzi allura talvolta l-imputat jista' jkollu rimedju versu t-terzi persuna wara li jkun irripristina lill-kwerelanta fil-pussess."*

Jigi rilevat f'dan l-istadju li r-rikorrent f'dawk il-proceduri kien akkuzat li <u>naqas li jobdi ordni legittima tal-pulizija.</u> In effetti dan irrizulta ampjament minn kull prova prdotta, tant li hu njora kwalunkwe ordni, u sahansitra mill-verbali tal-accessi mizmuma mill-imsemmi Perit Aquilina rrizulta li ghalkemm hu kien dejjem debitament ingunt qatt ma deher u kwindi qatt ma ressaq provi.

Ir-rikorrent odjern kien interpona appell ghal tali sentenza. Huwa bbazah fuq l-aggravju li l-pulizija ma harrkux il-persuna responsabbli ghal periklu u hsara li giet ikkagunata u li kwindi "*minn kull angolu li thares lejha, is-sentenza appellata hi, bl-akbar rispett, "non saquitur", u hi ovvjament*

*"wrong in principle" u jixraq li tkun imwarrba*". Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali semghet ix-xhieda prodotti, kif ukoll it-trattazjoni li saret mid-difensuri rispettivi. Fis-sentenza tas-17 ta' Marzu,2000 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Onor.Imhallef Noel V.Arrigo LL.D. ikkunsidrat fid-dettal ix-xhieda u l-provi prodotti quddiemha. Fil-konkluzzjonijiet taghha l-Qorti kienet ezawrjenti :-

*"Is-sitwazzjoni li ghandha l-Qorti fil-kaz odjern huwa l-istat ta' fatt illi hemm kwerelanta li qed tilmenta illi qed issir hsara fil-proprjeta taghha peress li kien qed jidhol hafna ilma fil-fond taghha mill-fond ta' l-imputat li jinsab fuq dan il-fond. Ghandha wkoll stat ta' fatt illi l-imputat kien gie interpellat diversi drabi mill-kwerelanta w il-Perit inkarigat minnha sabiex jaghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega f'dan il-fond. Hemm ukoll l-avviz tal-Pulizija datat 23 ta' April 1996 fejn l-imputat gie interpellat mill-Pulizija sabiex jaghmel dawn it-tiswijiet immedjatament sabiex jitnehha dan il-perikolu. Minkejja dan kollu mkien ma rrizulta li l-istess imputat ta widen ghal dawn l-interpellazzjoniet inkluz l-ordni tal-Pulizija. Anzi kellna xhud wiehed wara l-iehor jikkonferma li kienet qed issir l-imsemmija hsara u minkejja dan l-imputat baqa' ma ghamel xejn sabiex tigi rrangata s-sitwazzjoni.*

*Li ghandha quddiemha l-Qorti hija l-akkuza li l-imputat naqas li jobdi l-ordni tal-Pulizija moghtija lilu. Indubbjament din l-akkuza rrizultat. L-ordni kienet hemm u l-imputat baqa' inadempjenti. Fil-fehma tal-Qorti mhuwiex legittimu illi*

*persuna taghzel u tiddeciedi li ma tobdiex ordni tal-Pulizija u sahansitra tinjoraha u mbaghad meta tigi akkuzata b'dan in-nuqqas mill-Pulizija ggib bhala raguni ghal dan in-nuqqas l-allegazzjoni li filwaqt li huwa veru li l-hsara qed issir fil-fond tal-kwerelanta qed issir hsara lill-fond tieghu wkoll peress li l-ilma li qed jispicca fil-fond tal-kwerelanti qed jorigina fil-fond adjacenti ghal tieghu li mbaghad jghaddi fil-fond tieghu u jispicca fil-fond tal-kwerelanti.F'kaz bhal dan l-imputat ghandu rimedji kemm civili u ohrajn kontra terzi pero' il-kwerelanti huma totalment estranei ghal din ir-relazzjoni guridika li tista' tezisti bejn l-imputat u s-sidien tal-proprjeta' adjacenti ghal tieghu,u,ta' aktar importanza, din ir-relazzjoni ma' terzi anqas u anqas ma tistax tinkwadra ruhha f'dawn il-proceduri ta' natura kriminali.*

*Huwa minnu illi jezisti l-principju ta'* ***nemo ad impossibilia tenetur*** *bhala norma bazilari anke fil-kamp kriminali.Biex pero' issib l-applikazzjoni taghha din in-norma min jinvokaha jrid mhux biss jippruvaha izda wkoll irid jipprova li jaghmel minn kollox biex inehhi dawk l-ostakoli li proprju kienu qeghdin iqieghduh f'dik l-impossibilita'. L-imputat naqas, fil-fehma tal-Qorti, milli jipprova sew l-ewwel kriterju,sew it-tieni."*

## <u>III. KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>

Illi r-rikors odjern gie bbazat fuq l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq garantit fl-**Artikolu 6 ta' l-Ewwel**

**Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta** minhabba – sejba ta' htija fir-rigward ta' Domenico Savio Spiteri allegatament minhabba l-agir ta' terzi. Tali sejbien ta' htija di front ghar-rikorrenti hu bazat skond hu fuq *"vicariousness in tort".* Biss dan irid jigi nkwadrat fil-perspettiva ta' l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

**L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

**Is-sub-artikolu (2**) :-

*"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi"*

**Is-sub-artikolu (3**):-

*"Kull min hu akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:-*

*a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;*

*b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;*

*c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess, jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;*

*d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kondizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

*e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa wzata fil-Qorti."*

Fis-sentenza **"St.Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deciza fis-16 ta' Settembru 1998) inghad hekk:-

*"Kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended,residual quality".*

Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-

*"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti *a priori* u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li inghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case.*

*The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the*

*content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) Dr.Roberta Gauci LL.D).

Inoltre' fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmi awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most etablished right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commision has expressed the*

*principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said :*

*"The court agrees with the Commisison that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **(Dombo Beheer BV vs The Netherlands, 27/10/1993)**

*"In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6(3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings."*

Illi relatat hafna mal-kuncett ta' *"equality of arms"* huwa l-kuncett ta' "**judicial process"**, li xi kultant jirreferu ghalih bhala d-dritt li persuna jkollha *"an adversial trial"*:-

*"The right to have an adversial trial means the opportunity for the parties to have knowledge of and comment on the observations filed or evidence adduced by the other party."* **(Ruiz-Mateos vs Spain, 23/6/1993).**

Illi fil-**Brandstetter case**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet :-

*“The principle of equality of arms is only one feature of the wider concept of a fair trial, which also includes the fundamental right that criminal proceedings should be adversial … The right to an adversial trial means, in a given criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party”.*

Illi rekwizit iehor ferm stabbilit u li huwa implikat fid-dritt ta’ smiegh xieraq huwa d-dritt ta’ *“an oral hearing”.* Fl-imsemmija tezi ntqal:-

*“Therefore, the question arises as to whether the requirement of fair hearing implies the presence of the parties in person. The Commission has expressed the view that in certain classes of cases or in certain sets of circumstances a fair hearing is scarcely conceivable without the presence of the party concerned; this may be so in some civil or commercial cases and is true a fortiori of criminal matters, and the Court has supported this view.As far as criminal cases are concerned, ‘it flows from the notion of a fair trial that a person charged with a criminal offence should, as a general principle, be entitled to be present at the trial hearing”. Clearly, the accused has an interest in witnessing and monitoring proceedings that are of great importance to him. Morover, his right to be present at the trial hearing is implicit in the right to ‘participate effectively’ in the conduct of his case (***Stanford vs UK,**

**23/2/1994)**; *an accused need to be there to give evidence and to advice his lawyer on the presentation of his case or to present his case in person* **(Colozza case)**. *There is a close interrelationship between the right to an oral hearing in one's presence and the right to adversarial proceedings. A trial in which the evidence accumulated during the investigation of the case is admitted to the record without being adduced in court in the presence of the accused is not consistent with either* **(Barbera, Messeque and Jabardo vs Spain, 6/12/1988)**. *It follows from the right of an accused to be present at his trial that where the state has custody of the accused, it must ensure that he is able to attend, provided that the accused gives the prison authorities any necessary information* **(Goddi vs Italy, 1984)**.*"*

Illi jezistu wkoll sitwazzjonijiet fejn parti f'kawza kriminali jew mhiex jew tista' tirrinunzja ghad-dritt li tkun prezenti, pero' tali rinunzja trid tkun stabbilita' b'mod unekwivoku u trid tkun akkumpanjata b'salvagwardji minimi. Hawn issir riferenza ghall-kaz **"Colozza and Rubinat vs Italy"** ntqal ukoll: *"A well as in cases of waiver, trial in absentia is also permitted where the state has acted diligently, but unsuccessfully, to give an accused effective notice of the hearing"* ghalkemm fil-kaz in partikolari l-istat ma giex misjub li agixxa diligentement sabiex jaraw li l-akkuzat jigi debitament notifikat.

Fl-ahharnett, jinghad wkoll illi element bazilari wkoll tal-istess artikolu li jrid ikun hemm decizzjoni motivata, ghaliex ghalkemm dan ir-rekwizit ma huwiex esplicitament imsemmi fl-istess artikolu 6, dan huwa implicitament konness mal-principju ta' smiegh xieraq, li gie anke rikonoxxut fil-Qrati, bhal fil-kaz **"Van de Hurk vs The Netherlands"**, (19 ta' April 1994).

Illi tant huwa minnu dan li inghad li *"This power of requiring a reasoned decision is illustrated in the* **De Moor Case (23/6/1994)**. *The reasoned decision in this case revealed that it had been taken on a basis not open to the judge. The hearing could not be fair if the decision was based on a reason which was not legally valid.*

*However, it is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If a court gives reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied. If,however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it requires a "specific and express outcome" by the court in its judgment."*

## IV. APPLIKAZZJONI GHALL-KAZ *DE QUO*

Illi wara li din il-Qorti kellha l-opportunita' li tezamina l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tistudjah fid-dettal tasal ghall-konkluzzjoni li r-rikors odjern bl-ebda mod ma jinkwadra ruhu taht l-imsemmi Artikolu.

In fatti minn ezami akkurat tal-atti processwali din il-Qorti tara li ma kien l-ebda allegazzjoni min-naha tar-rikorrent li hu gie trattat b'mod differenti mill-parti l-ohra; anqas ma jirrizulta li allega li gie mcahhad minn xi dritt b'mod li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom wiehed jista' jikkonkludi li ma kienx hemm *"a fair hearing"*. Irrizulta li l-partijiet kollha kellhom access ugwali ghall-Qorti ( kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati; kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali) u ghall-atti kollha; saru n-notifiki kollha u kull parti kellha l-opportunita' li twiegeb; il-partijiet kienu kollha legalment rappresentati; ilkoll gew trattati bl-istess mod mill-Qrati. Is-sentenzi, kemm tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kienu motivati. Ir-rikorrent odjern fil-fatt lanqas ma lmenta minn dan.

Kif diga' inghad huwa lmenta li s-sejbien ta' htija bazat fuq *"vicariousness in tort"* jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tieghu sancit mill-**Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta**; u kwindi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-14 ta' Mejju 1997, kif ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Marzu 2000, hija kompletament *wrong in principle*.

Illi tali lment ma jinkwadra ruhu taht l-ebda mill-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6**. B'tigbid tal-immaginazzjoni forsi wiehed seta' jahseb li jinkwadra tali rikors taht ir-rekwizit li d-decizjoni moghtija trid tkun motivata; izda anki f'dan il-kaz ir-rikors odjern ma jistax

jintlaqa' peress illi z-zewg sentenzi msemmija fil-paragrafu precedenti kienu motivati.

Inoltre' fis-sentenza **"Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija" (Appell Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991 - Vol.LXXV.i.240)** intqal illi:-

*"Dwar f'hiex ma kienx hemm fair trial, jew smiegh xieraq, ir-rikorrent prattikament ma jghid xejn, hlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat hazin id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall – in genere u reperti; il-Qorti Istruttorja interpretat korrettament id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kostanti tal-Qrati ta' kompetenza Kriminali, izda fi kwalunkwe kaz din m'hix materja kostituzzjonali u din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza fir-rigward."*

Fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The right to a fair trial" (Andrew Grotrian,1994)** l-awtur qal hekk:-

*"The question of whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it so-called 'fourth instance formula',it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings."*

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti ma tistax tilqa' r-rikors odjern billi ma jinkwadrax ruhu taht l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. Anzi din il-Qorti tirrileva illi tali rikors kien kompletament frivolu u vessatorju stante li rrizulta ampjament li s-sitwazzjoni kollha giet provokata mill-inerzja totali li wera r-rikorrent. Huwa fil-fatt injora kwalunkwe sejha mill-Pulizija sabiex jirranga l-hsara li giet ikkagunata mill-proprjeta' tieghu u b'hekk meta gie misjub hati li naqas li jobdi ordni tal-Pulizija tali sentenza kienet gusta u ben motivata.

Illi fil-fatt jista' jinghad ukoll, li apparti dak kollu premess, jinghad li l-akkuzi kollha kontra l-istess rikorrenti kienu kollha diretti kontra tieghu u jirrigwardaw biss l-agir tieghu tant li gie mixli li fid-data u z-zmien indikati naqas li jobdi ordni tal-pulizija, u wkoll gie ordnat biex inehhi perikolu w ssewwi hsara ezistenti fil-proprjeta' tieghu jew fil-proprjeta' amminstrata minnu, liema ordnijiet l-istess imputat naqas li jonora.

Illi fil-fatt l-imputat mhux biss naqas li jobdi l-istess ordnijiet, izda injora ghal kollox l-istess ordnijiet legittimi tal-pulizija, u dan meta huwa setgha jaghmel ix-xogholijiet necessarji fil-fond tieghu sabiex ma jhallix l-istess perikolu identifikat fl-istess proceduri kriminali milli jibqa' jippersisti, u dan bla pregudizzju ta' kull dritt li huwa jista' jkollu jew ghandu kontra t-terzi. Illi konsistentement ma dan l-imputat ma pprova bl-ebda mod li huwa kien impossibilitat li jaghmel

tali xogholijiet, izda rrizulta biss li huwa minn jeddu ghazel li ma jaghmilx tali xogholijiet, b'dan li l-ilment u l-perikolu baqaw jippersistu fil-proprjeta' tieghu, b'danni ghal haddiehor, u dan il-perikolu kien ilu jezisti almenu mid-data tac-ceritifikat peritali tal-Perit J.D. Dimech tas-16 ta' Frar 1996, u minkejja id-dekors taz-zmien l-istess rikorrenti baqa' ma ghamel xejn minkejja l-ordinijiet lilu moghtija.

Illi fir-rapport peritali tal-Perit Richard Aqulina A & C.E. datat 3 ta' April 1997, jirrizulta li dan l-iment kien dovut ghall-hsara fis-soqfa tal-fond 9, Triq ir-Rabat, Xlendi, minhabba perkolazzjoni ta' l-ilma minn gol-bejt li ma kienx qieghed jipprekludi din il-perkolazzjoni, awmentata bil-konsenturi li zviluppaw fil-bini li jindikaw li l-hajt tal-appogg strah bil-piz addizzjonali li tghabba fuqu, u l-istess perit tekniku issugerixxa ix-xoghol li ried issir fil-fond tar-rikorrenti sabiex jigi eliminat tali perikolu, u dan kollu gie addotat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Krimnali tal-14 ta' Mejju 1997, u wara fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-17 ta' Marzu 2000.

Illi minn dan kollu jidher li l-akkuzi kollha kienu diretti lejn ir-rikorrenti bhala l-persuna proprjetarja tal-istess fond hemm indikat, u li f'tali fond kien hemm hsarat li kienu qed joholqu perikolu ghall-fond sottostant, liema hsarat l-istess rikorrenti kellu obbligu li jsewwi, u setgha issewwi, u baqa' ma irrangax, u baqa' hekk inadempjenti nonostante l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, u il-perizji teknici li saru, li

jindikaw ix-xogholijiet proprju li kellhom issiru mir-rikorrenti fl-istess post tieghu; mela huwa ovvju li lanqas il-kuncett ta' *'vicarious liability'* ma jezisti fil-kaz inkwistjoni, stante li l-imputazzjonijiet huma kollha relattati man-nuqqas tar-rikorrenti nnifsu li jobdi ordnijiet legittimi tal-pulizija, u n-nuqqas tieghu li jnehhi l-perikolu fil-fond tieghu skond l-artikoli appositi hemm citati fl-istess akkuza u sentenza tal-Qorti tal-Magitrati (Ghawdex) u ghalhekk huma l-atti jew in-nuqqas ta' agir proprju da parte tal-istess rikorrenti nnifsu li tali proceduri kienu dejjem jikkoncernaw u huma diretti.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mhux biss huma infondati fil-fatt u fid-dritt, izda adirittura frivoli u vessatorji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali.

## <u>IV. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat kontenuti fir-risposta tieghu, **tichad it-tabiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors tieghu tal-5 ta' Mejju 2000** stante li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi inkluz ghaliex l-ilmenti hemm indikati bl-ebda mod ma jikkostitwixxu ksur ta' **l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta,** tant li l-istess

ilmenti lanqas jaqaw taht id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu hawn citat.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru, 2001.**